

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-1 ta' Lulju 2013
li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill
(2013/345/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 3(3) tal-Protokoll (Nru 36) dwar id-dispożizzjonijiet transitorji anness mat-Trattati jipprevedu li, sal-31 ta' Ottubru 2014, meta għandu jiġi adottat att mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni.
- (2) Dak il-persentaġġ jiġi kkalkolat konformement maċ-ċifri tal-popolazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Anness III mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regoli ta' Proċedura").
- (3) Fl-14 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/37/UE ⁽²⁾ li emendat ir-Regoli ta' Proċedura sabiex jiġu aġġornati ċ-ċifri fl-Artikolu 1 tal-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura b'effett mill-1 ta' Jannar 2013 kif meħtieġ mill-Artikolu 2(2) ta' dak l-Anness.
- (4) Konsegwentement għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni, l-Anness tar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi emendat biex jittieħed kont tal-popolazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tabella fl-Artikolu 1 tal-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) l-entrata l-ġdida li gejjja tiddaħħal wara l-entrata rigward l-Irlanda:

"Kroazja	4 398,2"
----------	----------

- (2) l-entrata intitolata "Total" hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

"Total"	508 077,9"
---------	------------

- (3) l-entrata intitolata "Livell minimu (62 %)" hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

"Livell minimu (62 %)"	315 008,3".
------------------------	-------------

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LINKEVIČIUS

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

⁽²⁾ ĠU L 16, 19.1.2013, p. 16.